**346. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Illi l-Kamra wara li bir-Riżoluzzjoni tagħha iddeċidiet fis-Seduta tal-1 ta' Ottubru, 1986, illi l-Editorja tal-perjodiku msejjaħ "Il-Pulizija" fl-Edizzjoni Lulju/Awissu 1986, jitqies bħala ksur ta' privileġġi skont l-artiklu 11(1)(K) tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati;

Il-Kamra tordna lil Joseph Calleja ta' 'Dar ir-Risq', Triq ir-Rignu, San Ġwann bħala editur tal-perjodiku "Il-Pulizija" biex jidher quddiemha f'xi seduta oħra wara s-6.30 p.m. biex igħid għaliex ma għandux ikun skont l-artiklu 11(1)(K) tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati; u

Il-Kamra tordna wkoll li jiġi mħarrek kull xhud li l-Iskrivan tal-Kamra jkun mitlub li jħarrek.

04.12.1986